# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 3 ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 183/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fl-1 ta' Jannar, 2000, ghall-habta ta' xi l-10.00 p.m., *gewwa City Gate Bus Terminus*, Floriana, (**1**) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fil-*mobile Lotto Office*, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira izda anqas minn hames mitt lira, a dannu tal-*Public Transport Authority* ta' Triq il-Kanun, Santa Venera, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali; u aktar (**2**) talli b'hekk sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell [Kriminali] fid-29/4/98, 3/6/76 u 17/6/82;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Ottubru, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena "karcerarja" [**<u>recte</u>:** ta' prigunerija] ta' sitt xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Joseph Zahra, minnu ppresentat fil-15 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata "nulla u bla effett u fin-nuqqas tirrevoka l-piena imposta u taghti piena aktar proporzjonata u ekwa";

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru, 2001; ikkunsidrat:

Huwa b'sens ta' frustrazzjoni kbira li din il-qorti ser ikollha, ghall-darb'ohra, taghti s-sentenza li ssegwi, u cioe` li tannulla sentenza ta' l-ewwel qorti, kif ukoll il-proceduri kollha li saru mid-data ta' l-ewwel dehra tal-imputat quddiem dik il-qorti, <u>peress li ma gietx segwita l-procedura skond il-ligi b'tali mod li dik il-qorti qatt ma kienet kompetenti li taghti s-sentenza li effettivament tat</u>. Jinghad mill-ewwel li ghalkemm l-appellant, permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu, qieghed jeccepixxi n-nullita` tas-sentenza appellata minhabba n-non-osservanza tal-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali (u fuq dan il-punt din il-Qorti qed tiddikjara bla tlaqliq li l-appellant <u>m'ghandux ragun</u>), is-sentenza ser tigi annullata ghal raguni kompletament differenti u li din il-Qorti qed tissolleva *ex officio*, kif inhu obbligu taghha li taghmel essendo materja ta' ordni pubbliku (ara ***Il-Pulizija v. Mario Gauci*** App. Krim. 15/9/2000). L-ewwel imputazzjoni kif migjuba mill-prosekuzzjoni kontra Joseph Zahra tipotizza reat li jgib piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija – in fatti piena minn minimu ta' hames xhur sa massimu ta' sena prigunerija (Art. 325(b), Kap. 9). Dan ifisser li l-procedura li kellha tigi addottata kienet dik tal-kumpilazzjoni. Fl-ewwel udjenza li l-imputat deher quddiem il-Qorti Inferjuri (29 ta' Mejju, 2000, ara fol. 22) mhux biss ma jirrisultax li sar l-ezami tieghu skond l-Artikoli 392 u 395 tal-Kodici Kriminali, izda anqas jirrizulta li saritlu l-mistoqsija *di rito* skond l-Artikolu 370(4)(a), jigifieri l-mistoqsija jekk hu kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. In mankanza ta' tali mistoqsija u, evidentement, twegiba ghaliha, il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal procedura sommarja li kien gie ezibit mal-komparixxi (fol. 2) kien irrelevanti. Il-Qorti Inferjuri, flok ma ghaddiet ghall-kumpilazzjoni kif kellha taghmel – kumpilazzjoni li kellha tinghalaq fi zmien xahar – ittrattat il-kaz bhala wiehed sommarju minghajr ma kienet giet konferita lilha l-kompetenza skond il-ligi. Skada x-xahar, u l-kawza baqghet tigi differita, bil-verbali bl-intestatura tal-Qorti Inferjuri bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (ara fol. 48, 49, 52, 54, 55) pero` bl-avvizi li kienu jinhargu lill-avukat difensur u lill-ufficjal prosekutur li kienu jirreferu ghal "kumpilazzjoni" (ara fol. 50 u 51). Kien biss fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2001, u cioe` wara li l-kawza kienet ilha seba' xhur ghaddejja bhala wahda sommarja, li donnu xi hadd intebah li ma kienx sar l-interrogatorju ta' l-imputat. Infatti a fol. 56 tal-atti hemm il-formula ta' l-interrogatorju, datat 11 ta' Jannar, 2001. Dana l-interrogatorju evidentement ma setax isir f'dana l-istadju; u fi kwalunkwe kaz minn dana l-inerrogatorju xorta <u>ma jirrisultax li l-imputat ta l-kunsens tieghu ghall-procedura sommarja skond l-Artikolu 370(4)(b)</u>. In fatti, fejn hemm il-mistoqsija (redatta f'forma ta' dikjarazzjoni ghall-finijiet tal-formola stampata) "Jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb:", ma hemmx li l-akkuzat qal li ma ghandux oggezzjoni, izda hemm miktub biss "Mhux hati" (dikjarazzjoni li hi ripetuta aktar l-isfel fl-interrogatorja ghall-mistoqsija dwar xi jwiegeb fuq l-akkuzi). Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 370 jirrikjedi li l-akkuzat iwiegeb <u>b'mod car u esplicitament</u> li hu ma ghandux oggezzjoni ghall-procedura sommarja; is-silenzju tieghu jew kwalsiasi twegiba ohra tammonta ghal oggezzjoni ghal tali procedura. Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, ma jistax jinghad li kien hemm il-kunsens ta' l-akkuzat ghall-procedura sommarja; u per konsegwenza l-ewwel qorti ma setghetx

taghti s-sentenza li effettivament tat. Il-procedura segwita kienet wahda ingarbuljata ghall-ahhar.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata kif ukoll il-proceduri kollha li saru wara li l-Ispettur Paul Camilleri ikkonferma l-akkuza bil-gurament tieghu fl-udjenza tad-29 ta’ Mejju, 2000; u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex dik il-qorti tisma’ l-kaz skond il-ligi.

Aldo Testone
Dep.Registratur